Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT (UE) 2016/2134 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tat-23 ta' Novembru 2016

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra

(ĠU L 338, 13.12.2016, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 157, 20.6.2017, p. 22 (2016/2134)
►C2 Emendi, Ġ.U. L 197, 28.7.2017, p. 20 (2016/2134)
►C3 Emendi, Ġ.U. L 302I, 28.11.2018, p. 3 (2016/2134)

▼B

REGOLAMENT (UE) 2016/2134 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Novembru 2016

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1236/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli tal-Unjoni li jirregolaw il-kummerċ ma' pajjiżi terzi ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali jew għat-tortura, jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u r-regoli li jirregolaw il-provvista ta' servizzi ta' senserija, assistenza teknika, taħriġ u pubbliċita' relatati ma' oġġetti bħal dawn."

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punti (a), (b), (c), (d) u (e) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(a) 'tortura' tfisser kwalunkwe att li bih l-uġigħ jew it-tbatija gravi, fiżiċi jew mentali, jiġu kkawżati intenzjonalment fuq persuna għal tali finijiet bħall-ksib ta' informazzjoni jew konfessjoni min dik il-persuna jew minn terza persuna, l-ikkastigar ta' dik il-persuna għal att li jew dik il-persuna jew terza persuna tkun wettqet jew tkun issuspettata li wettqet, jew biex tbeżża' jew iġġiegħel lil dik il-persuna jew lil terza persuna, jew għal kwalunkwe raġuni bbażata fuq id-diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip, meta tali wġigħ jew tbatija jiġu kkawżati bl-istigazzjoni jew bil-kunsens ta' uffiċjal pubbliku jew persuna oħra li taġixxi f'kapaċità uffiċjali. Madankollu, din ma tinkludix uġigħ jew tbatija li jirriżultaw biss minn penalitajiet leċiti. Il-piena kapitali taħt l-ebda ċirkostanza mhija meqjusa bħala penali leċita;

(b) 'trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra' tfisser kwalunkwe att li bih jiġu kkawżati uġigħ jew tbatija li jilħaq livell minimu ta' gravità sew jekk fiżika kif ukoll mentali, fuq persuna, meta tali wġigħ jew tbatija jiġu kkawżati bl-istigazzjoni jew bil-kunsens jew qbil ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna oħra li taġixxi f'kapaċità uffiċjali. Madankollu, din ma tinkludix uġigħ jew tbatija li jirriżultaw biss minn penalitajiet leċiti. Il-piena kapitali taħt l-ebda ċirkostanza mhija meqjusa bħala penali leċita;

▼B

(c) ‘awtorità tal-infurzar tal-liġi’ tfisser kwalunkwe awtorità responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni, il-ġlieda kontra u l-ikkastigar ta' reati, inkluż, iżda mhux limitat għall-pulizija, kwalunkwe prosekutur, kwalunkwe awtorità ġudizzjarja, kwalunkwe awtorità ta' ħabs pubbliku jew privat u, fejn adatt, kwalunkwe waħda mill-forzi tas-sigurtà tal-istat u l-awtoritajiet militari;

(d) ‘esportazzjoni’ tfisser kwalunkwe ħruġ ta' oġġetti mit-territorju doganali tal-Unjoni, inkluż il-ħruġ ta' oġġetti li jeħtieġu dikjarazzjoni doganali u l-ħruġ ta' oġġetti wara l-ħżin tagħhom f'żona ħielsa fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(e) ‘importazzjoni’ tfisser kwalunkwe dħul ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni, inkluż il-ħżin temporanju tagħhom, it-tqegħid f'żona ħielsa, it-tqegħid taħt proċedura speċjali u r-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

_____

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).”

(b) Il-punti (h) u (i) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“(h) ‘awtorità kompetenti’ tfisser awtorità ta' wieħed mill-Istati Membri, kif elenkata fl-Anness I, li, f'konformità mal-Artikolu 8, għandha d-dritt tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew tipprojbixxi lil esportatur milli juża l-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni għall-esportazzjoni;

(i) ‘applikant’ tfisser:

1. l-esportatur, fil-każ tal-esportaturi msemmija fl-Artikoli 3, 5 jew 7b;

2. il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jittrasportaw l-oġġetti fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni, fil-każ tat-tranżitu msemmi fl-Artikolu 4a;

3. il-fornitur tal-assistenza teknika, fil-każ ta' provvisti ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 3;

4. il-mużew li se jpoġġi l-oġġetti għall-wiri fil-każ ta' importazzjonijiet u provvisti ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 4; u

▼C3

5. il-fornitur tal-assistenza teknika jew is-sensar, fil-każ ta' provvisti ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 7a jew servizzi ta' senserija msemmija fl-Artikolu 7e;”.

▼B

(c) Jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

“(j) ‘territorju doganali tal-Unjoni’ tfisser it-territorju skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

▼B

(k) ‘servizzi ta' senserija’ tfisser:

(1) in-negozjar jew l-organizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, il-bejgħ jew il-provvista ta' oġġetti rilevanti minn pajjiż terz għal kwalunkwe pajjiż terz ieħor, jew

(2) il-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti rilevanti li jkunu jinsabu f'pajjiż terz għat-trasferiment tagħhom lejn pajjiż terz ieħor.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-dispożizzjoni unika ta' servizzi anċillari hija eskluża minn din id-definizzjoni. Is-servizzi anċillari huma t-trasport, is-servizzi finanzjarji, l-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew ir-reklamar jew il-promozzjoni ġenerali;

(l) ‘sensar’ tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, inkluża sħubija, residenti jew stabbilita fi Stat Membru li jipprovdu s-servizzi definiti skont il-punt (k), minn fi ħdan l-Unjoni; kwalunkwe persuna fiżika b'ċittadinanza ta' Stat Membru, indipendentement mir-residenza, li tipprovdi tali servizzi minn fi ħdan l-Unjoni; u kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew ikkostitwiti skont id-dritt ta' Stat Membru, indipendentement minn fejn ikunu stabbiliti, li jipprovdu tali servizzi minn fi ħdan l-Unjoni;

(m) ‘fornitur tal-assistenza teknika’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, inkluża sħubija, residenti jew stabbilita fi Stat Membru li jipprovdu l-assistenza teknika definita skont il-punt (f), minn fi ħdan l-Unjoni; kwalunkwe persuna fiżika b'ċittadinanza ta' Stat Membru, indipendentement mir-residenza, li tipprovdi tali assistenza minn fi ħdan l-Unjoni; u kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew ikkostitwiti skont id-dritt ta' Stat Membru, indipendentement mis-sede, li jipprovdu tali assistenza minn fi ħdan l-Unjoni;

(n) ‘esportatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, inkluża sħubija, li f'isimhom issir dikjarazzjoni tal-esportazzjoni, jiġifieri l-persuna, l-entità jew il-korp, li, fil-mument li fih id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tiġi aċċettata, jintrabtu b'kuntratt mad-destinatarju fil-pajjiż terz ikkonċernat u jkollhom is-setgħa li jibagħtu l-oġġetti 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Jekk l-ebda tali kuntratt ma jkun ġie konkluż jew jekk id-detentur ta' dak il-kuntratt ma jkunx aġixxa għan-nom tiegħu, l-'esportatur' tfisser il-persuna, l-entità jew il-korp li jkollhom is-setgħa meħtieġa li jibagħtu l-oġġetti ikkonċernati 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni. Meta l-benefiċċju ta' dritt li wieħed jiddisponi mill-oġġetti jappartjeni lil persuna, entità jew korp residenti jew stabbiliti barra mill-Unjoni skont dak il-kuntratt, l-esportatur jiġi kkunsidrat bħala l-parti kontraenti residenti jew stabbilita fl-Unjoni;

▼B

(o) ‘Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni’ tfisser awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni kif definit fil-punt (d) għall-ċerti pajjiżi li hi disponibbli għall-esportaturi kollha li jirrispettaw il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-użu tagħha kif elenkat fl-Anness IIIb;

(p) ‘awtorizzazzjoni individwali’ tfisser awtorizzazzjoni mogħtija lil:

1. esportatur speċifiku wieħed għall-esportazzjonijiet, kif definit fil-punt (d) lejn utent aħħari jew destinatarju wieħed f'pajjiż terz u li tkopri oġġett wieħed;

2. sensar speċifiku għall-provvista ta' servizzi ta' senserija kif definit fil-punt (k) lejn utent aħħari jew destinatarju wieħed f'pajjiż terz u li tkopri oġġett wieħed; jew

3. persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jittrasportaw oġġetti fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni għal tranżitu kif definit fil-punt (s);

(q) ‘awtorizzazzjoni globali’ tfisser awtorizzazzjoni mogħtija lil esportatur jew sensar speċifiku wieħed fir-rigward ta' tip ta' oġġetti elenkati fl-Anness III jew fl-Anness IIIa, li tista' tkun valida għal:

1. esportazzjonijiet kif definit fil-punt (d) lil utent aħħari speċifikat wieħed jew aktar f'pajjiż terz speċifikat wieħed jew aktar;

2. esportazzjonijiet kif definit fil-punt (d) lil distributur speċifikat wieħed jew aktar f'pajjiż terz speċifikat wieħed jew aktar, meta l-esportatur ikun dak li jimmanifattura l-oġġetti inklużi fil-punti 3.2 jew 3.3 tal-Anness III jew it-Taqsima 1 tal-Anness IIIa;

3. provvista ta' servizzi ta' senserija marbuta mat-trasferimenti ta' oġġetti li jinsabu f'pajjiż terz, lil utent aħħari speċifikat wieħed jew aktar f'pajjiż terz speċifikat wieħed jew aktar;

4. is-servizzi ta' senserija marbuta mat-trasferimenti ta' oġġetti li jinsabu f'pajjiż terz, lil distributur speċifikat wieħed jew aktar f'pajjiż terz speċifikat wieħed jew aktar, meta s-sensar ikun dak li jimmanifattura l-oġġetti inklużi fil-punti 3.2 jew 3.3 tal-Anness III jew it-taqsima 1 tal-Anness IIIa;

(r) ‘distributur’ tfisser operatur ekonomiku li jwettaq attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa b'rabta mal-oġġetti elenkati fil-punt 3.2 jew 3.3 tal-Anness III jew fit-taqsima 1 tal-Anness IIIa, bħal pereżempju l-akkwist ta' tali oġġetti mill-manifatturi jew iż-żamma, il-provvista jew l-esportazzjoni ta' tali oġġetti; l-attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa ta' tali oġġetti ma jinkludux l-akkwist min-naħa ta' sptar, spiżjar jew professjonist mediku għall-iskop waħdieni li jforni tali oġġetti lill-pubbliku;

▼B

(s) ‘tranżitu’ tfisser trasport fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni ta' oġġetti mhux tal-Unjoni li jgħaddu mit-territorju doganali tal-Unjoni b'destinazzjoni li tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.”

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Kwalunkwe esportazzjoni ta' oġġetti elenkati fl-Anness II, hija pprojbita, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti.

L-Anness II għandu jinkludi oġġetti li ma għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini tal-piena kapitali jew għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

Fornitur ta' assistenza teknika għandu jiġi pprojbit milli jipprovdi assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness II lil kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz, kemm jekk għal kunsiderazzjoni kif ukoll jekk le.”

(4) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Kwalunkwe importazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness II, għandha tiġi pprojbita, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti.

L-aċċettazzjoni minn persuna, entità jew korp fl-Unjoni tal-assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness II, ipprovduta minn pajjiż terz, kemm jekk għal kunsiderazzjoni kif ukoll jekk le, minn persuna, entità jew korp hija pprojbita.”

(5) Jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

“Artikolu 4a

Projbizzjoni ta' tranżitu

1. Kwalunkwe tranżitu ta' oġġetti elenkati fl-Anness II għandu jiġi pprojbit.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-tranżitu tal-oġġetti elenkati fl-Anness II, jekk jintwera li, fil-pajjiż ta' destinazzjoni, tali oġġetti se jintużaw għall-fini esklużiv ta' wiri pubbliku f'mużew fid-dawl tas-sinifikat storiku tagħhom.

Artikolu 4b

Projbizzjoni ta' servizzi ta' senserija

Sensar għandu jiġi pprojbit milli jipprovdi servizzi ta' senserija lil kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz, fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness II, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti.

▼B

Artikolu 4c

Projbizzjoni ta' taħriġ

Fornitur ta' assistenza teknika jew sensar huwa pprojbit li jipprovdi jew joffri, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz, taħriġ dwar l-użu tal-oġġetti elenkati fl-Anness II.

Artikolu 4d

Fieri kummerċjali

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, inkluża sħubija, sew jekk residenti jew stabbiliti fi Stat Membru sew jekk le, għandhom jiġu pprojbiti, milli juru jew joffru għall-bejgħ kwalunkwe oġġett minn dawk elenkati fl-Anness II f'wirja jew f'fiera li tittella' fl-Unjoni, sakemm ma jintweriex li, fid-dawl tan-natura tal-wirja jew tal-fiera, tali wiri jew offerta għall-bejgħ la hija strumentali għall-bejgħ jew għall-provvista tal-oġġetti rilevanti lil kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz u lanqas ma tippromwovi dan il-bejgħ u din il-provvista.

Artikolu 4e

Reklamar

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, inkluża sħubija, residenti jew stabbilita fi Stat Membru li jbigħu jew jixtru spazju pubbliċitarju jew ħin pubbliċitarju minn fi ħdan l-Unjoni, lil kwalunkwe persuna fiżika b'ċittadinanza ta' Stat Membru li tbigħ jew tixtri spazju pubbliċitarju jew ħin pubbliċitarju minn fi ħdan l-Unjoni, u lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew ikkostitwiti skont id-dritt ta' Stat Membru, li jbigħu jew jixtru spazju pubbliċitarju jew ħin pubbliċitarju minn fi ħdan l-Unjoni, għandhom jiġu pprojbiti milli jbigħu lil jew jixtru minn kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz spazju pubbliċitarju fl-istampa jew fl-Internet jew ħin pubbliċitarju fit-televiżjoni jew fir-radju fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness II.

Artikolu 4f

Miżuri nazzjonali

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-Unjoni, fosthom il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu miżuri nazzjonali li jillimitaw it-trasport, is-servizzi finanzjarji, l-assigurazzjoni, ir-riassigurazzjoni jew ir-reklamar jew il-promozzjoni ġenerali fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafu 1. Il-miżuri fis-seħħ huma nnotifikati sas-17 ta' Frar 2017. Il-miżuri, l-emendi u r-revoki l-ġodda huma nnotifikati qabel ma jidħlu fis-seħħ.”

▼B

(6) Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal kwalunkwe esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness III, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti. Madankollu, l-ebda awtorizzazzjoni ma għandha tkun meħtieġa għall-oġġetti li jgħaddu biss mit-territorju doganali tal-Unjoni, jiġifieri dawk li ma jkunux assenjati trattament jew użu approvat mid-dwana, għajr il-proċedura ta' tranżitu estern skont l-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, inkluż il-ħażna ta' oġġetti mhux tal-Unjoni f'żona ħielsa.

L-Anness III għandu jinkludi biss l-oġġetti segwenti, li jistgħu jintużaw għat-tortura jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra:

(a) l-oġġetti li huma primarjament użati għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi; u

(b) l-oġġetti li, meta jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-disinn u l-karatteristiċi tekniċi tagħhom, jippreżentaw riskju materjali ta' użu għat-tortura jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

L-Anness III ma jinkludix:

(a) l-armi tan-nar irregolati mir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(b) l-oġġetti b'użu doppju rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 (**); u

(c) l-oġġetti rregolati f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK (***).

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

(**) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

(***) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99)."

▼B

(7) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet fir-rigward tal-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness III, filwaqt li jqisu l-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, inkluż b'mod partikolari jekk applikazzjoni fir-rigward ta' esportazzjoni essenzjalment identika tkun ġietx miċħuda minn Stat Membru ieħor fit-tliet snin ta' qabel, u l-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu aħħari maħsub u r-riskju ta' devjazzjoni."

(b) Jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-verifika tal-użu aħħari mixtieq u tar-riskju ta' devjazzjoni:

3.1. Jekk il-manifattur ta' oġġett elenkat fl-punt 3.2 jew 3.3 tal-Anness III jitlob li jingħata awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' tali oġġetti lejn distributur, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-arranġamenti kuntrattwali magħmula mill-manifattur u mid-distributur u l-miżuri li jkunu qed jieħdu biex jiġi żgurat li dawn l-oġġetti u, jekk applikabbli, il-prodotti li fihom se jkunu inkorporati, ma jintużawx għat-tortura jew għat-trattamenti jew għall-pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

3.2. Jekk tintalab awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fil-punt 3.2 jew 3.3 tal-Anness III lejn utent aħħari, l-awtorità kompetenti tista', meta tivvaluta r-riskju ta' devjazzjoni, tikkunsidra l-arranġamenti kuntrattwali li japplikaw u d-dikjarazzjoni tal-użu aħħari ffirmata mill-utent aħħari, jekk tiġi pprovduta dikjarazzjoni bħal din. Jekk ma tiġi pprovduta l-ebda dikjarazzjoni tal-użu aħħari, għandu jkun l-esportatur li jindika min se jkun l-utent aħħari u għal xiex se jintużaw l-oġġetti. Jekk l-esportatur ma jipprovdix biżżejjed informazzjoni dwar l-utent aħħari u l-użu aħħari, l-awtorità kompetenti għandha titqies li jkollha bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li l-oġġetti jistgħu jintużaw għat-tortura jew għat-trattamenti jew għall-pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

4. Barra l-kriterji mniżżlin fil-paragrafu 1, meta jkunu qed jivvalutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni globali, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-applikazzjoni mill-esportatur ta' mezzi u proċeduri proporzjonati u adegwati biex tkun żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' dan ir-Regolament u mal-patti u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni."

(8) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 6a

Projbizzjoni ta' tranżitu

Persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, inkluża sħubija, sew jekk residenti jew stabbiliti fi Stat Membru sew jekk le, għandha tiġi pprojbita li teżegwixxu t-tranżitu tal-oġġetti elenkati fl-Anness

▼B

III, jekk tkun taf li kwalunkwe parti ta' kunsinna ta' tali oġġetti hija ddestinata għall-użu f'tortura jew fi trattamenti jew f'pieni krudili, inumani jew degradanti oħra f'pajjiż terz.”

(9) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 7a

Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ta' ċerti servizzi

1. Għandha tiġi rikjesta awtorizzazzjoni għal kwalunkwe provvista, minn fornitur ta' assistenza teknika jew sensar, rispettivament, ta' wieħed mis-servizzi segwenti lil kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz, kemm jekk għal kunsiderazzjoni kif ukoll jekk le:

(a) assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness III, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti; u

(b) servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti elenkati fl-Anness III, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti.

2. Meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' senserija fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness III, l-Artikolu 6 għandu japplika mutatis mutandis.

Meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-provvista ta' assistenza teknika fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness III, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6, għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tas-segwenti:

(a) jekk l-assistenza teknika tkunx ipprovduta lil persuna, entità jew korp li jistgħu jużaw l-oġġetti li għalihom l-assistenza teknika hija ddestinata għat-tortura, jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra; u

(b) jekk l-assistenza teknika tkunx użata għal finijiet ta' tiswija, żvilupp, manifattura, ittestjar, manutenzjoni jew assemblaġġ tal-oġġetti elenkati fl-Anness III lil, jew tipprovdi assistenza teknika lil, persuna, entità jew korp li jistgħu jużaw l-oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom għat-tortura, jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplikax għall-provvista tal-assistenza teknika jekk

(a) l-assistenza teknika tkun ipprovduta lil awtorità tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru jew lil persunal militari jew ċivili ta' Stat Membru kif deskritt fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(3);

(b) l-assistenza teknika tikkonsisti fl-għoti ta' informazzjoni li hija ta' dominju pubbliku; jew

▼B

(c) l-assistenza teknika hija l-minimu neċessarju għall-installazzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni jew it-tiswija ta' dawk l-oġġetti elenkati fl-Anness III li l-esportazzjoni tagħhom ġiet awtorizzata minn awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, Stat Membru jista' jżomm il-projbizzjoni tal-provvista ta' servizzi ta' senserija fir-rigward tal-manetti tas-saqajn, tal-ktajjen għall-grupp ta' priġunieri u tat-tagħmir tax-xokk elettriku li jista' jinġarr. Fil-każijiet li fihom Stat Membru jżomm tali projbizzjoni, huwa għandu jinnotifika l-miżura li adotta lill-Kummissjoni sas-17 ta' Frar 2017 u jinforma lill-Kummissjoni jekk dawk il-miżuri jiġu emendati jew revokati.”

(10) Wara l-Artikolu 7a, jiddaħħal il-kapitolu li ġej:

“KAPITOLU IIIa

Oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali

Artikolu 7b

Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni

1. Għal kwalunkwe esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, għandha tiġi rikjesta l-awtorizzazzjoni, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti. Madankollu, l-ebda awtorizzazzjoni ma għandha tkun meħtieġa għall-oġġetti li jgħaddu biss mit-territorju doganali tal-Unjoni, jiġifieri dawk li ma jkunux assenjati trattament jew użu approvat mid-dwana, għajr il-proċedura ta' tranżitu estern skont l-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, inkluż il-ħażna ta' oġġetti mhux tal-Unjoni f'żona ħielsa.

L-Anness IIIa għandu jinkludi biss l-oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali u li ġew approvati jew effettivament użati għall-piena kapitali minn pajjiż terz wieħed jew aktar li ma abolixxewx il-piena kapitali. Huwa ma jinkludix:

(a) l-armi tan-nar irregolati mir-Regolament (UE) Nru 258/2012;

(b) l-oġġetti b'użu doppju rregolati mir-Regolament (KE) Nru 428/2009 u

(c) l-oġġetti rregolati f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK.

2. F'każ li l-esportazzjoni tal-prodotti mediċinali tirrikjedi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni skont dan ir-Regolament u l-esportazzjoni tkun ukoll soġġetta għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali li tikkontrolla d-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċedura unika biex iwettqu l-obbligi imposti fuqhom mir-Regolament u mill-konvenzjoni rilevanti.

▼B

Artikolu 7c

Kriterji għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet fir-rigward tal-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, filwaqt li jqisu l-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, inkluż b'mod partikolari jekk applikazzjoni fir-rigward ta' esportazzjoni essenzjalment identika tkun ġietx miċħuda minn Stat Membru ieħor fit-tliet snin ta' qabel, u l-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu aħħari maħsub u r-riskju ta' devjazzjoni.

2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti l-ebda awtorizzazzjoni meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli li jwasslu sabiex wieħed jemmen li l-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa jistgħu jintużaw għall-piena kapitali f'pajjiż terz.

3. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-verifika tal-użu aħħari mixtieq u tar-riskju ta' devjazzjoni:

3.1. Jekk il-manifattur tal-oġġetti elenkati fit-taqsima 1 tal-Anness IIIa jitlob li jingħata awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' tali prodott lejn distributur, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-arranġamenti kuntrattwali magħmula mill-manifattur u mid-distributur u tal-miżuri li jkunu qed jieħdu biex jiġi żgurat li l-oġġetti ma jintużawx għall-piena kapitali.

3.2. Jekk tintalab awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fit-taqsima 1 tal-Anness IIIa lejn utent aħħari, l-awtorità kompetenti tista', meta tivvaluta r-riskju ta' devjazzjoni, tikkunsidra l-arranġamenti kuntrattwali li japplikaw u d-dikjarazzjoni tal-użu aħħari ffirmata mill-utent aħħari, jekk tiġi pprovduta dikjarazzjoni bħal din. Jekk ma tiġi pprovduta l-ebda dikjarazzjoni tal-użu aħħari, l-esportatur huwa dak li jrid jindika min se jkun l-utent aħħari u għal xiex se jintużaw l-oġġetti. Jekk l-esportatur ma jipprovdix biżżejjed informazzjoni dwar l-utent aħħari u l-użu aħħari, l-awtorità kompetenti għandha titqies li jkollha bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li l-oġġetti jistgħu jintużaw għall-piena kapitali.

3.3. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tista' tadotta linji gwida dwar l-aħjar prassi rigward il-valutazzjoni tal-użu aħħari u tivvaluta l-iskop li għalih l-assistenza teknika tintuża.

4. Barra l-kriterji mniżżlin fil-paragrafu 1, meta jkunu qed jivvalutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni globali, l-awtorità kompetenti għandhom jikkunsidraw l-applikazzjoni mill-esportatur ta' mezzi u proċeduri proporzjonati u adegwati biex tkun żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' dan ir-Regolament u mal-patti u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni.

▼B

Artikolu 7d

Projbizzjoni ta' tranżitu

Persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, inkluża sħubija, sew jekk residenti jew stabbiliti fi Stat Membru sew jekk le, għandha tkun pprojbita li teżegwixxi t-tranżitu tal-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, jekk tkun taf li kwalunkwe parti ta' kunsinna ta' tali oġġetti hija ddestinata għall-użu f'piena kapitali f'pajjiż terz.

Artikolu 7e

Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal ċerti servizzi

1. Għandha tiġi rikjesta awtorizzazzjoni għal kwalunkwe provvista, minn fornitur ta' assistenza teknika jew minn sensar, rispettivament, ta' wieħed mis-servizzi segwenti lil kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz kemm jekk għal kunsiderazzjoni kif ukoll jekk le:

(a) assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti; u

(b) servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti.

2. Meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' senserija fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, l- Artikolu 7c għandu japplika mutatis mutandis.

Meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-provvista ta' assistenza teknika fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7c, għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tas-segwenti:

(a) jekk l-assistenza teknika tkunx ipprovduta lil persuna, entità jew korp li jistgħu jużaw l-oġġetti li għalihom l-assistenza teknika hija ddestinata għall-piena kapitali; u

(b) jekk l-assistenza teknika tkunx użata biex issewwi, tiżviluppa, timmanifattura, tittestja, tmantni jew tassembla oġġetti elenkati fl-Anness IIIa għal, jew tipprovdi assistenza teknika lil, persuna, entità jew korp li jistgħu jużaw l-oġġetti li għalihom l-assistenza teknika hija ddestinata għall-piena kapitali.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-provvista tal-assistenza teknika jekk

(a) l-assistenza teknika tikkonsisti fl-għoti ta' informazzjoni li hija ta' dominju pubbliku; jew

▼B

(b) l-assistenza teknika hija l-minimu neċessarju għall-installazzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni jew it-tiswija ta' dawk l-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa li l-esportazzjoni tagħhom ġiet awtorizzata minn awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament.”

(11) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

It-tipi ta' awtorizzazzjonijiet u l-awtoritajiet emittenti

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni għal ċerti esportazzjonijiet kif stipulat fl-Anness IIIb.

L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun residenti jew stabbilit l-esportatur, tista' tipprojbixxi lill-esportatur milli juża din l-awtorizzazzjoni, jekk ikun hemm suspetti raġonevoli dwar il-kapaċità tiegħu li jikkonforma mat-termini tal-awtorizzazzjoni jew ma' xi dispożizzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-esportaturi kollha miċħuda mid-dritt li jużaw l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni, sakemm ma jiddeterminawx li esportatur speċifiku mhux se jipprova jesporta l-oġġetti elenkati fl-Anness IIIa billi jgħaddihom minn Stat Membru ieħor. Għal dan il-fini għandha tintuża sistema sikura u kriptata għall-iskambju tal-informazzjoni.

2. Awtorizzazzjoni għall-esportazzjonijiet l-oħra għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li għalihom tkun teħtieġ awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun residenti jew stabbilit l-esportatur, kif elenkat fl-Anness I. Tali awtorizzazzjoni tista' tkun awtorizzazzjoni individwali jew waħda globali, jekk tikkonċerna l-oġġetti elenkati fl-Anness III jew fl-Anness IIIa. Kwalunkwe awtorizzazzjoni dwar l-oġġetti elenkati fl-Anness II tkun awtorizzazzjoni individwali.

3. Awtorizzazzjoni għat-tranżitu ta' oġġetti elenkati fl-Anness II għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu residenti jew stabbiliti l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jittrasportaw l-oġġetti fit-territorju doganali, kif elenkat fl-Anness I. Jekk dik il-persuna, dik l-entità jew dak il-korp mhumiex stabbiliti fi Stat Membru, għandha tingħata awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-oġġetti jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni. Tali awtorizzazzjoni tkun awtorizzazzjoni individwali.

4. Awtorizzazzjoni għall-importazzjonijiet li għalihom tkun teħtieġ awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-mużew, kif elenkat fl-Anness I. Kwalunkwe awtorizzazzjoni dwar l-oġġetti elenkati fl-Anness II għandha tkun awtorizzazzjoni individwali.

▼B

5. Awtorizzazzjoni għall-provvista ta' assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness II għandha tingħata:

(a) mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun residenti jew stabbilit il-fornitur tal-assistenza teknika, kif elenkat fl-Anness I, jew, jekk ma jkunx hemm tali Stat Membru, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-fornitur tal-assistenza teknika jkun ċittadin tiegħu jew li jkun ġie inkorporat jew kostitwit skont il-liġi tiegħu, jekk l-għajnuna tkun trid tingħata lil xi mużew f'pajjiż terz; jew

(b) mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-mużew, kif elenkat fl-Anness I, jekk l-għajnuna tkun trid tingħata lil xi mużew fl-Unjoni.

6. Awtorizzazzjoni għall-provvista ta' assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness III jew fl-Anness IIIa għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun residenti jew stabbilit il-fornitur tal-assistenza teknika, kif elenkat fl-Anness I, jew, jekk ma jkunx hemm tali Stat Membru, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-fornitur tal-assistenza teknika jkun ċittadin tiegħu jew li jkun ġie inkorporat jew kostitwit skont il-liġi tiegħu.

7. Awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti elenkati fl-Anness III jew fl-Anness IIIa għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn is-sensar ikun residenti jew stabbilit, kif elenkat fl-Anness I, jew, jekk ma jkunx hemm tali Stat Membru, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li s-sensar ikun ċittadin tiegħu jew li jkun ġie inkorporat jew kostitwit skont il-liġi tiegħu. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata għal kwantità stabbilita ta' oġġetti speċifiċi li qed jiġu trasferiti bejn żewġ pajjiżi terzi jew aktar. Il-post fejn jinsabu l-oġġetti fil-pajjiż terz ta' oriġini, l-utent aħħari u l-post eżatt fejn jinsab għandhom ikunu identifikati b'mod ċar.

8. L-applikanti għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-applikazzjonijiet tagħhom għal awtorizzazzjoni individwali jew globali għal esportazzjonijiet jew għal servizzi ta' senserija, għal awtorizzazzjoni għal assistenza teknika, għal awtorizzazzjoni għall-importazzjoni individwali jew għal awtorizzazzjoni individwali għal tranżitu.

Fir-rigward tal-esportazzjonijiet l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirċievu l-informazzjoni kompluta b'mod partikolari dwar l-utent aħħari, il-pajjiż ta' destinazzjoni u l-użu aħħari tal-oġġetti.

Fir-rigward tas-servizzi ta' senserija, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirċievu, b'mod partikolari, dettalji dwar il-post fejn jinsabu l-oġġetti fil-pajjiż terz ta' oriġini, deskrizzjoni ċara tal-oġġetti u l-kwantità involuta, il-partijiet terzi involuti fit-tranżazzjoni, il-pajjiż terz ta' destinazzjoni, l-utent aħħari f'dak il-pajjiż u l-post eżatt fejn jinsab.

L-għoti tal-awtorizzazzjoni tista' tkun soġġetta għal dikjarazzjoni ta' użu finali, jekk ikun xieraq.

▼B

9. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 8, meta manifattur jew rappreżentant ta' manifattur ikun se jesporta jew ibigħ u jittrasferixxi oġġetti inklużi fil-punt 3.2 jew 3.3 tal-Anness III jew fit-taqsima 1 tal-Anness IIIa lil distributur f'pajjiż terz, il-manifattur għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat li l-oġġetti inklużi fil-punt 3.2 jew 3.3 tal-Anness III jintużaw għat-tortura jew għal trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra jew biex jiġi evitat li l-oġġetti inklużi fit-taqsima 1 tal-Anness IIIa jintużaw għall-piena kapitali, dwar il-pajjiż ta' destinazzjoni u, jekk tkun disponibbli, informazzjoni dwar l-użu aħħari u l-utenti aħħarija tal-oġġetti.

10. Fuq talba ta' mekkaniżmu nazzjonali ta' prevenzjoni stabbilit skont il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tal-1984 Kontra t-Tortura u t-Trattament jew Kastig Krudili, Inuman jew Degradanti Ieħor, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-mekkaniżmu nazzjonali ta' prevenzjoni rikjedenti l-informazzjoni li jkunu rċevew minn applikant dwar il-pajjiż ta' destinazzjoni, id-destinatarju, l-użu aħħari u l-utenti aħħarin jew, meta jkun rilevanti, id-distributur u l-arranġamenti u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jisimgħu lill-applikant qabel l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni u jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq l-użu li jista' jsir mill-informazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom skont il-liġijiet u l-prassi nazzjonali.

11. L-Istati Membri għandhom jipproċessaw talbiet għal awtorizzazzjonijiet individwali jew globali f'perijodu ta' żmien li għandu jiġi ddeterminat mil-liġi jew mill-prattika nazzjonali.”

(12) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 9

Awtorizzazzjonijiet

1. L-awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni, l-importazzjoni jew it-tranżitu jinħarġu fuq formola konsistenti mal-mudell stabbilit fl-Anness V. L-awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw servizzi ta' senserija għandhom jinħarġu fuq formola konsistenti mal-mudell stabbilit fl-Anness VI. L-awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw assistenza teknika għandhom jinħarġu fuq formola konsistenti mal-mudell stabbilit fl-Anness VII. Tali awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu validi fl-Unjoni kollha. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għandu jkun minn tliet xhur sa tnax-il xahar b'estensjoni possibbli sa 12-il xahar. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni globali għandu jkun minn sena għal tliet snin b'estensjoni possibbli sa sentejn.

2. Awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 6 jew l-Artikolu 7c timplika awtorizzazzjoni biex l-esportatur jagħti assistenza teknika lill-utent aħħari sakemm tali assistenza tkun meħtieġa għall-installazzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni jew it-tiswija ta' dawk l-oġġetti li l-esportazzjoni tagħhom tkun awtorizzata.

3. L-awtorizzazzjonijiet jistgħu jinħarġu permezz ta' mezzi elettroniċi. Il-proċeduri speċifiċi jiġu stabbiliti fuq bażi nazzjonali. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn din l-għażla jinfurmaw lill-Kummissjoni.

▼B

4. L-awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni, l-importazzjoni, it-tranżitu, il-provvista ta' assistenza teknika jew il-provvista ta' servizzi ta' senserija għandhom ikunu soġġetti għal kwalunkwe rekwiżit u kundizzjoni li l-awtorità kompetenti tqis li huma adatti.

5. L-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jaġixxu skont dan ir-Regolament, jistgħu jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni u jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni li jkunu diġà taw.”

(13) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Jekk issir dikjarazzjoni doganali dwar l-oġġetti elenkati fl-Annessi II, III jew IIIa, u jkun ikkonfermat li ma ngħatat l-ebda awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament għall-esportazzjoni jew l-importazzjoni intiżi, l-awtoritajiet doganali għandhom jżommu l-oġġetti ddikjarati u għandhom jagħmlu l-esportatur jew l-importatur konxji ta' possibbiltà li ssir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament. Jekk sitt xhur wara li jinżammu l-oġġetti ma ssir l-ebda applikazzjoni, jew jekk l-awtorità kompetenti tirrifjuta tali applikazzjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jiddisponu mill-oġġetti miżmumin f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli.”

(14) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 11

Rekwżiti ta' notifika u konsultazzjoni

1. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni jekk l-awtoritajiet kompetenti, tiegħu kif elenkati fl-Anness I, jieħdu deċiżjoni li jirrifjutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament jew jekk jannullaw awtorizzazzjoni li jkunu taw. Tali notifika għandha ssir mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tad-deċiżjoni jew tal-annullament.

2. L-awtorità kompetenti, b'mezzi diplomatiċi meta jkun meħtieġ jew xieraq, għandha tikkonsulta lill-awtorità jew lill-awtoritajiet li, fit-tliet snin preċedenti, irrifjutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, tranżitu, il-provvista ta' assistenza teknika lil persuna, entità jew korp f'pajjiż terz jew il-provvista ta' servizzi ta' senserija skont dan ir-Regolament, jekk tirċievi applikazzjoni dwar esportazzjoni, tranżitu, il-provvista ta' assistenza teknika lil persuna, entità jew korp f'pajjiż terz jew il-provvista ta' servizzi ta' senserija li jinvolvu tranżazzjoni essenzjalment identika msemmija f'tali applikazzjoni preċedenti u tqis li, madankollu, għandha tingħata awtorizzazzjoni.

3. Jekk, wara l-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi li tagħti awtorizzazzjoni, l-Istat Membru rilevanti jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu u jispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, filwaqt li jippreżenta informazzjoni ġustifikattiva kif adatt.

▼B

4. Fejn ir-rifjut li tingħata awtorizzazzjoni ikun ibbażat fuq proj-bizzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 7a(4), dan ma għandux jikkostitwixxi deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fit-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. In-notifiki kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jsiru permezz ta' sistema sikura u kriptata għall-iskambju ta' infor-mazzjoni.”

(15) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 12

Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konfor-mità mal-Artikolu 15a, biex temenda l-Annessi I, II, III, IIIa, IIIb, IV, V, VI u VII. Id-data li hemm fl-Anness I dwar l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandha tiġi emendata abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Meta, fil-każ tal-emenda tal-Annessi II, III, IIIa jew IIIb, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jirrikjedu li jsir dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 15b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.”

(16) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 12a

Talbiet biex jiġu miżjuda xi oġġetti f'waħda mil-listi tal-oġġetti

1. Kull Stat Membru jista' jindirizza talba debitament sostanz-jata lill-Kummissjoni biex din iżżid oġġetti ddisinjati jew kummerċjalizzati għall-infurzar tal-liġi fl-Anness II, fl-Anness III jew fl-Anness IIIa. Talba bħal din għandha tinkludi informazzjoni dwar:

(a) id-disinn u l-karatteristiċi tal-oġġetti inkwistjoni;

(b) l-iskopijiet kollha li għalihom jistgħu jintużaw l-oġġetti; u

(c) ir-regoli internazzjonali jew domestiċi li jkunu ġew miksura li kieku l-oġġetti kellhom jintużaw għall-infurzar tal-liġi.

Meta jressaq it-talba tiegħu lill-Kummissjoni, l-Istat Membru rikje-denti għandu jressaq dik it-talba wkoll lill-Istati Membri l-oħra.

2. Il-Kummissjoni tista', fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-talba, titlob lill-Istat Membru rikjedenti jipprovdi informazzjoni supplimentari, jekk tikkunsidra li t-talba tkun tonqos milli tindi-rizza punt wieħed rilevanti jew aktar jew jekk tara li hemm bżonn ta' informazzjoni addizzjonali fuq punt wieħed rilevanti jew aktar. Hi għandha tgħarraf lill-Istat Membru inkwistjoni bil-punti li dwarhom ikun hemm bżonn li tiġi pprovduta informazzjoni supplimentari. Il-Kummissjoni għandha tressaq il-mistoqsijiet tagħha lill-Istati Membri l-oħra. L-Istati Membri l-oħra jistgħu wkoll jagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali għall-valutaz-zjoni tat-talba.

▼B

3. Jekk tqis li ma jkunx hemm bżonn titlob għal informazzjoni supplimentari jew, fejn applikabbli, malli tirċievi l-informazzjoni supplimentari li tkun talbet, il-Kummissjoni għandha, fi żmien għoxrin ġimgħa minn meta tirċievi t-talba jew minn meta tirċievi l-informazzjoni supplimentari, rispettivament, tagħti bidu għall-proċedura biex tiġi adottata l-emenda mitluba jew inkella tinforma lill-Istati Membri rikjedenti bir-raġunijiet għalfejn ma tkunx se tagħmel dan.”

(17) Fl-Artikolu 13, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali li jkun magħmul mir-rapporti annwali tal-attività msemmija fil-paragrafu 3. Dak ir-rapport annwali għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.”

(18) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 13a

L-ipproċessar ta' data personali

Id-data personali għandha tiġi pproċessata u skambjata f'konformità mar-regoli stipulati fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

(*) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).”

(19) L-Artikolu 15a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 15a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mis-16 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

▼B

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (*).

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

_____

(*) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.”

(20) Jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

“Artikolu 15b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15a(6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 15c

Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura

1. Għandu jiġi stabbilit Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Kull Stat Membru jaħtar rappreżentant f'dan il-grupp.

▼B

2. Il-grupp għandu jeżamina kwalunkwe kwistjonijiet li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi, bla limitazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattiki amministrattivi u kwalunkwe kwistjoni li tista' titqajjem jew mill-president inkella minn rappreżentant ta' Stat Membru.

3. Il-Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura, kull meta jqis li huwa meħtieġ, jista' jikkonsulta lill-esportaturi, is-sensara, il-fornituri ta' assistenza teknika u partijiet interessati rilevanti oħra li huma konċernati minn dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali bil-miktub lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet, l-eżaminazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura.

Ir-rapport annwali għandu jitfassal b'kunsiderazzjoni partikolari tal-ħtieġa li ma jiġux kompromessi l-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Id-diskussjonijiet fil-grupp jinżammu kunfidenzjali.

Artikolu 15d

Rieżami

1. Sal-31 ta' Lulju 2020, u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jistgħu jinkludu proposti biex ir-Regolament jiġi emendat. Ir-rieżami jivvaluta l-ħtieġa li jiġu inklużi l-attivitajiet ta' ċittadini tal-UE li jgħixu barra. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni adatta kollha għat-tħejjija tar-rapport.

2. Taqsimiet speċjali tar-rapport għandhom jittrattaw:

(a) il-Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura u l-attivitajiet tiegħu. Ir-rapport jitfassal b'kunsiderazzjoni partikolari tal-ħtieġa li ma jiġux kompromessi l-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Id-diskussjonijiet fil-grupp jinżammu kunfidenzjali; u

(b) l-informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont l-l-Artikolu 17(1) u nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2).”

(21) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Dan ir-Regolament għandu jkollu l-istess kamp ta' applikazzjoni territorjali bħat-Trattati, ħlief għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), l-Artikoli 4a, 5, 6a, 7, 7b u 7d, l-Artikolu 8(1) sa (4) u l-Artikolu 10, li japplikaw għal:

— it-territorju doganali tal-Unjoni,

— it-territorji Spanjoli ta' Ceuta u Melilla,

— it-territorju Ġermaniż ta' Helgoland.”

▼B

(22) L-Annessi huma emendati kif ġej:

(a) Fl-Anness II, is-subpunt 1.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
“ex 4421 90 97 ex 8208 90 00	1.1. Forok, giljottini u xfafar għall-giljottini”

(b) Fl-Anness III, jitħassru t-taqsimiet 4 u 5.

(c) Jiżdied Anness IIIa ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(d) Jiżdied Anness IIIb ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(e) Jiżdied Anness VI ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(f) Jiżdied Anness VII ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 9 tal-Artikolu 1 u, sa fejn jiġi introdott l-Artikolu 7e, il-punt 10 tal-Artikolu 1, għandu japplika mis-17 ta' Marzu 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

“ANNESS IIIa

OĠĠETTI LI JISTGHU JINTUŻAW GĦALL-PIENA KAPITALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7b

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	1. Il-prodotti li jistgħu jintużaw għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin permezz ta' injezzjoni letali, huma s-segwenti:
	1.1. Aġenti anestetiċi barbiturati li jaġixxu fuq perijodu qasir u intermedju jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:
ex 2933 53 90 [minn (a) sa (f)]	(a) amobarbital (CAS RN 57-43-2)
ex 2933 59 95 [(g) u (h)]	(b) melħ tas-sodju tal-amobarbital (CAS RN 64-43-7)
	(c) pentobarbital (CAS RN 76-74-4)
	(d) melħ tas-sodju tal-pentobarbital (CAS 57-33-0)
	(e) sekobarbital (CAS RN 76-73-3)
	(f) melħ tas-sodju tas-sekobarbital (CAS RN 309-43-3)
	(g) tijopental (CAS RN 76-75-5)
	(h) melħ tas-sodju tijopental (CAS RN 71-73-8), magħruf ukoll bħala tijopenton sodiku
ex 3003 90 00	Nota:
ex 3004 90 00	Dan il-punt ikopri wkoll il-prodotti li fihom wieħed mill-aġenti anestetiċi elenkati taħt l-aġenti anestetiċi barbituriċi li jaġixxu fuq perijodu qasir u intermedju.”
ex 3824 90 96	

▼B

ANNESS II

"ANNESS IIIb

AWTORIZZAZZJONI ĠENERALI TAL-UNJONI GĦALL-ESPORTAZZJONI EU GEA 1236/2005

Parti 1 — Oġġetti

Din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni tkopri l-oġġetti kollha elenkati fl-entrati tal-Anness IIIa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 (*).

Tkopri wkoll il-provvisti ta' assistenza teknika lill-utent aħħari sakemm tali assistenza tkun meħtieġa għall-installazzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni jew it-tiswija ta' dawk l-oġġetti li l-esportazzjoni tagħhom tkun awtorizzata, jekk tali assistenza tkun ipprovduta mill-esportatur.

Parti 2 — Destinazzjonijiet

Mhijiex meħtieġa awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 għall-provvisti ddestinati lejn pajjiż jew territorju li jifforma parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jinkludi lil Ceuta, Helgoland u Melilla (l-Artikolu 18(2)).

Din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni hija valida fl-Unjoni kollha għall-esportazzjonijiet lejn id-destinazzjonijiet segwenti:

It-territorji Daniżi li mhumiex inklużi fit-territorju doganali:

— Il-Groenlandja

— Il-Gżejjer Faeroe

It-territorji Franċiżi li mhumiex inklużi fit-territorju doganali:

— Il-Kaledonja Ġdida u d-Dipendenzi,

— Il-Polineżja Franċiża,

— Saint Barthélemy,

— Saint Pierre u Miquelon,

— It-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u Antartiċi,

— Wallis u l-Gżejjer Futuna

It-territorji Olandiżi li mhumiex inklużi fit-territorju doganali:

— Aruba,

— Bonaire,

— Curaçao,

— Saba,

— Sint Eustatius,

— Sint Maarten

It-territorji Brittaniċi rilevanti li mhumiex inklużi fit-territorju doganali:

— Anguilla,

▼B

— Il-Bermuda,

— Ġibiltà,

— Il-Ġeorġja tan-Nofsinhar u l-Gżejjer Sandwich tan-Nofsinhar,

— Il-Gżejjer Falkland,

— Il-Gżejjer Turks u Kajkos,

— Montserrat,

— Sant'Elena u d-Dipendenzi

L-Afrika t'Isfel

L-Albanija

L-Andorra

L-Arġentina

L-Awstralja

Il-Benin

Il-Bolivja

Il-Bosnja-Ħerzegovina

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

L-Ekwador

Il-Filippini

Il-Ġeorġja

Ġibuti

Il-Gabon

Il-Ginea Bissaw

Il-Honduras

L-Iżlanda

L-Iżvizzera (inklużi Büsingen u Campione d'Italia)

Il-Kirgiżistan

Il-Kolombja

Il-Kanada

Il-Kap Verde

Il-Kosta Rika

Il-Liberja

Il-Liechtenstein

▼B

Il-Messiku

Il-Moldova

Il-Mongolja

Il-Montenegro

Il-Możambik

In-Namibja

In-Nepal

In-New Zealand

In-Nikaragwa

In-Norveġja

Il-Panama

Il-Paragwaj

Ir-Rwanda

San Marino

Is-Serbja

Is-Seychelles

Timor Leste

It-Turkija

It-Turkmenistan

L-Ukraina

L-Urugwaj

L-Uzbekistan

Il-Venezwela

Parti 3 — Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti biex tintuża din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni

(1) Din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni ma tistax tintuża:

(a) jekk l-esportatur ikun ġie pprojbit milli juża din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005;

(b) jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti jew stabbilit, ikunu infurmaw lill-esportatur li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, totalment jew parzjalment, jew biex jiġu esportati mill-ġdid lejn pajjiż terz jew inkella biex jintużaw għall-finijiet ta' piena kapitali f'pajjiż terz;

(c) jekk l-esportatur ikun jaf jew ikollu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li l-oġġetti inkwistjoni huma maħsuba, totalment jew parzjalment, jew biex jiġu esportati mill-ġdid lejn pajjiż terz jew biex jintużaw għall-finijiet ta' piena kapitali f'pajjiż terz;

▼B

(d) jekk l-oġġetti rilevanti jkunu esportati lejn żona ħielsa mid-dazju jew lejn maħżen ħieles mid-dazju li jkun jinsab f'destinazzjoni koperta minn din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni;

(e) jekk l-esportatur ikun il-manifattur tal-prodotti mediċinali inkwistjoni u ma jkunx ikkonkluda ftehim legalment vinkolanti mad-distributur, li jkun jobbliga lil dan tal-aħħar jissottometti l-provvisti u t-trasferimenti kollha għall-konklużjoni ta' ftehim legalment vinkolanti li jimponi fuq il-klijent, preferibbilment soġġett għal penali kuntrattwali dissważiva, il-kundizzjonijiet segwenti:

(i) li ma jagħmilx użu mill-oġġetti li jkunu waslu mingħand id-distributur għall-piena kapitali;

(ii) li ma jipprovdix jew li ma jittrasferixxix dawn l-oġġetti lil xi parti terza, jekk il-klijent ikun jaf jew ikollu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li l-oġġetti huma maħsuba biex jintużaw għall-finijiet ta' piena kapitali; u

(iii) li jimponi l-istess rekwiżiti fuq kwalunkwe parti terza li tista' tkun id-destinatarju ta' provvista jew trasferiment ta' xi oġġetti minn dawn min-naħa tal-klijent.

(f) jekk l-esportatur ma jkunx il-manifattur tal-prodotti mediċinali inkwistjoni u ma jkunx ġab dikjarazzjoni tal-utent aħħari ffirmata mill-utent aħħari fil-pajjiż ta' destinazzjoni;

(g) jekk l-esportatur ta' prodotti mediċinali ma jkunx ikkonkluda ftehim legalment vinkolanti mad-distributur jew mal-utent aħħari, preferibbilment soġġett għal penali kuntrattwali dissważiva, li jkun jobbliga lid-distributur jew li jkun jobbliga lill-utent aħħari f'każ li l-ftehim ikun ġie konkluż mill-utent aħħari, biex jikseb awtorizzazzjoni minn qabel mingħand l-esportatur għal:

(i) kwalunkwe trasferiment jew provvista ta' kwalunkwe parti mill-konsenja li tkun diretta lejn awtorità ta' infurzar tal-liġi f'pajjiż jew territorju li ma abolixxiex il-piena kapitali;

(ii) kwalunkwe trasferiment jew provvista ta' kwalunkwe parti mill-konsenja li tkun diretta lejn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li takkwista/jakkwista l-oġġetti rilevanti jew li tipprovdi/jipprovdi servizzi li jinvolvu l-użu ta' dawn l-oġġetti, lil tali awtorità ta' infurzar tal-liġi, u

(iii) kwalunkwe riesportazzjoni jew trasferiment ta' kwalunkwe parti mill-konsenja li tkun diretta lejn pajjiż jew territorju li ma abolixxiex il-piena kapitali; jew

(h) jekk l-esportatur ta' oġġetti għajr prodotti mediċinali ma jkunx ikkonkluda ftehim legalment vinkolanti msemmi fil-punt (g), mal-utent aħħari.

(2) L-esportaturi li jagħmlu użu minn din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni EU GEA 1236/2005 għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu residenti jew stabbiliti meta jużaw din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data ta' meta sseħħ l-ewwel esportazzjoni.

L-esportaturi għandhom jirrapportaw ukoll fid-dikjarazzjoni doganali il-fatt li qed jużaw din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni EU GEA 1236/2005 billi fil-kaxxa 44 jindikaw il-kodiċi rilevanti li jinsab fil-bażi ta' data TARIC.

▼B

(3) L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-rekwiżiti ta' rappurtar marbuta mal-użu ta' din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni kif ukoll kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Istat Membru li minnu ssir l-esportazzjoni jista' jirrikjedi f'dak li jirrigwarda l-oġġetti esportati skont din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni.

Stat Membru jista' jobbliga lill-esportaturi residenti jew stabbiliti f'dak l-Istat Membru biex jirreġistraw qabel ma jużaw din l-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni għall-ewwel darba. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005, ir-reġistrazzjoni għandha tkun awtomatika u l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw lill-esportatur dwar dan mingħajr dewmien u f'kull każ, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tiġi rċevuta.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1).”

▼B

ANNESS III

“ANNESS VI

FORMOLA TA' AWTORIZZAZZJONI GĦALL-PROVVISTA TA' SERVIZZI TA' SENSERIJA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9(1)

Speċifikazzjoni teknika:

Il-formola li ġejja għandu jkollha daqs ta' 210 × 297 mm b'tolleranza massima ta' 5 mm inqas u 8 mm aktar. Il-kaxxi huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment u wieħed minn sitta ta' pulzier vertikalment. Is-suddiviżjonijiet huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment.

▼B

UNJONI EWROPEA

Awtorizzazzjoni ta'Servizzi ta 'Senserija Regolament 1236/2005)

1

1	1 Sensar rikjedenti (isem sħiħ u indirizz) ☐	**AWTORIZZAZZJONI GĦALL-PROVVISTA TA' SERVIZZI TA' SENSERIJA RELATATI MA' OĠĠETTI LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦAT TORTURA JEW GĦALL-PIENA KAPITALI (REGOLAMENT (KE) Nru 1236/2005)**
	2 Persuna fizika jew persuna ġuridika, enttita jew korp li jesportaw l-oġġetti mill-pajjiż terz rilevanti għall-pajjiż terz ta' destinazzjoni (issem sħiħ u indirizz)	3 Nru tal-Awtorizzazzjoni ☐ Awtorizzazzjoni individwali ☐ Awtorizzazzjoni globali
		4 Data ta' skadenza
	5 Destinatarju fill-pajjiż terz ta' destinazzjoni (issem sħiħ u indirizz) ☐ Utent aħħari ☐ Distributurr ☐ Oħrajn	6 Pajjiż terz fejn jinsabu l-oġġetti / Kodiċi tal-pajjiż
		7 Pajjiż terz ta' destinazzjoni / Kodiċi tal-pajjiż
	8 L-utent aħħari jew id distributur fil-pajjiż terz ta-destinazzjoni (isem sħiħ u indirizz) jekk differenti minn destinatarju ☐ Utent aħħari ☐ Distributurr	9 Stat Membru li fih is-sensar kuwa residenti jew stabbilit Jekk m'hemm ebda tali Stat Membru, l-istat Membru li tiegħu s-sensar kuwa persuna ġuridika, entità jew korp nazzjonali jew inkorporati

1

10 Partijiet terzi involuti (eż. aġent)	**Awtorità emittenti**
11 Użu aħħari (meta jkun xieraq)	12 Informazzjoni preċiża dwar fejn jinsabu l-oġġetti fil-pajjiż terz il fih jinsabu l-oġġetti

13 Deskrizzjoni tal-oġġett	14 Nru tal-Oġġett **1**	15 Kodiċi SA
		16 Kwantità
		17 Munita u valur
13 Deskrizzjoni tal-oġġett	14 Nru tal-Oġġett **2**	15 Kodiċi SA
		16 Kwantità
		17 Munita u valur
13 Deskrizzjoni tal-oġġett	14 Nru tal-Oġġett **3**	15 Kodiċi SA
		16 Kwantità
		17 Munita u valur

18 Rekwiżiti u kundizzjonijiet speċifiċi
19 Is-sottoFInmat jiċċertifika li skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 u soġġett għar-rekwiżiti, il-kundizzjonijiet u proċeduri stabbiliti f'din il-formola u l-anness (i) li jimeferi għalihom, l-awtorità kompetenti awtorizzat servizzi ta 'senserija li jikkonċernaw l-oġġetti deskritti f'kaxxa 13.
20 Numru ta 'annessi
Magħmul fi (post, data) Isem (ttajpjat jew b'ittri kapitali) Firma: (Timbru tal-awtorità emittenti)

▼B

UNJONI EWROPEA

Rapport dwar l-użu ta' kwantitajiet awtorizzati		**AWTORIZZAZZJONI GĦALL-PROVVISTA TA' SERVIZZI TA' SENSERIJA RELATATI MA' OĠĠETTI LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦAT TORTURA JEW GĦALL-PIENA KAPITALI (REGOLAMENT (KE) Nru 1236/2005)**	
Nota: F'kolonna 21 ikteb il-kwantità li għadha disponibbli f'parti 1 u l-kwantità mnaqqsa f'din l-okkażjoni f'parti 2		3 Nru tal-Awtorizzazzjoni	
14 Nru tal-Oġġett	21 Kwantità netta (Massa netta jew unità oħra) b'indikazzjoni tal-unità	22 Data tat-tnaqqis	23 Dokument ta' referenza (Stat, tip, numru)
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		
	1.		
	2.		

▼B

Noti ta' spjegazzjoni dwar il-formola

‘Awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti li jistgħu jintużaw għat-tortura jew għall-piena kapitali (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 (*))’

Din il-formola ta' awtorizzazzjoni tintuża għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għal servizzi ta' senserija skont ir-Regolament (KE) Nru 1236/2005.

L-awtorità emittenti hija l-awtorità ddefinita fil-punt (h) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005. Hija awtorità li hija inkluża fil-lista ta' awtoritajiet kompetenti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Kaxxa 1	*Sensar rikjedenti*	Jekk jogħġbok indika l-isem u l-indirizz sħiħ tas-sensar rikjedenti. Sensar huwa definit fil-punt (l) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005.
Kaxxa 3	*Nru tal-Awtorizzazzjoni*	Jekk jogħġbok niżżel in-numru u mmarka l-kaxxa adatta li tindika jekk l-awtorizzazzjoni hijiex waħda individwali jew globali (ara l-punti (p) u (q) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 għad-definizzjonijiet).
Kaxxa 4	*Data ta' skadenza*	Jekk jogħġbok niżżel il-jum (żewġ numri), ix-xahar (żewġ numri) u s-sena (erba' numri). Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni individwali hija minn tliet xhur sa tnax-il xahar u dak ta' awtorizzazzjoni globali minn sena sa tliet snin. Meta l-perijodu ta' validità jintemm, tista' tintalab estensjoni jekk tkun meħtieġa.
Kaxxa 5	*Destinatarju*	Jekk jogħġbok indika, minbarra l-isem u l-indirizz, jekk id-destinatarju fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni huwiex utent aħħari, distributur kif imsemmija fil-punt (r) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jew parti li jkollha rwol ieħor fit-tranżazzjoni. Jekk id-destinatarju jkun distributur iżda juża wkoll parti mill-kunsinna għal użu aħħari speċifiku, jekk jogħġbok immarka kemm ‘Distributur’ kif ukoll ‘Utent aħħari’ u semmi l-użu aħħari f'kaxxa 11.
Kaxxa 6	*Pajjiż terz fejn jinsabu l-oġġetti*	Jekk jogħġbok niżżel kemm l-isem tal-pajjiż ikkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**). Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 (***).

▼B

Kaxxa 7	*Pajjiż terz ta' destinazzjoni*	Jekk jogħġbok niżżel kemm l-isem tal-pajjiż ikkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 471/2009. Ara r-Regolament (UE) Nru 1106/2012.
Kaxxa 9	*Stat Membru emittenti*	Jekk jogħġbok niżżel fil-linja xierqa kemm l-isem tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 471/2009. Ara r-Regolament (UE) Nru 1106/2012.
Kaxxa 11	*Użu aħħari*	Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni preċiża tal-użu li se jsir mill-oġġetti u indika wkoll jekk l-utent aħħari huwiex awtorità tal-infurzar tal-liġi kif definita fil-punt (c) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jew fornitur ta' taħriġ dwar l-użu tal-oġġetti soġġetti għal senserija. Ħalli vojt jekk is-servizzi ta' senserija jiġu pprovduti lil distributur, sakemm id-distributur innifsu ma jużax parti mill-oġġetti għal użu aħħari speċifiku.
Kaxxa 12	*Il-post preċiż fejn jinsabu l-oġġetti fil-pajjiż terz li se jiġu esportati minnu.*	Jekk jogħġbok iddeskrivi fejn jinsabu l-oġġetti fil-pajjiż terz li minnu se jiġu fornuti lill-persuna, lill-entità jew lill-korp imsemmija fil-kaxxa 2. Il-post irid ikun indirizz fil-pajjiż imsemmi fil-kaxxa 6 jew informazzjoni simili li tiddeskrivi fejn jinsabu l-oġġetti. Innota li mhuwiex permess li tniżżel numru ta' kaxxa postali jew indirizz postali simili.
Kaxxa 13	*Deskrizzjoni tal-oġġett*	Id-deskrizzjoni tal-oġġetti tinkludi referenza għal oġġett speċifiku fl-Anness III jew IIIa tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005. Jekk jogħġbok ikkunsidra li tinkludi data dwar l-imballaġġ tal-oġġetti kkonċernati. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed spazju f'kaxxa 13, jekk jogħġbok kompli fuq folja vojta mehmuża, u niżżel in-numru tal-awtorizzazzjoni. Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi f'kaxxa 20.
Kaxxa 14	*Nru tal-Oġġett*	Din il-kaxxa trid timtela fuq wara tal-formola biss. Jekk jogħġbok żgura li n-Nru tal-Oġġett jikkorrispondi għan-numru tal-oġġett stampat f'Kaxxa 14 li jinsab ħdejn id-deskrizzjoni tal-oġġett rilevanti fuq il-view side.

▼B

Kaxxa 15	*Kodiċi SA*	Il-kodiċi SA huwa kodiċi doganali assenjat lill-oġġetti fis-Sistema Armonizzata. Meta l-kodiċi min-Nomenklatura Magħquda tal-UE jkun magħruf, dak il-kodiċi jista' jintuża minflok. Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1754 (****) għall-verżjoni kurrenti tan-Nomenklatura Magħquda.
Kaxxa 17	*Munita u valur*	Jekk jogħġbok indika l-valur u l-munita billi tuża l-prezz pagabbli (mingħajr ma tikkonvertih). Jekk dak il-prezz ma jkunx magħruf, jiġi ddikjarat il-valur stmat, preċedut bl-akronimu EV. Il-munita trid tiġi indikata bl-użu tal-kodiċi alfabetiku ISO 4217:2015).
Kaxxa 18	*Rekwiżiti u kundizzjonijiet speċifiċi*	Kaxxa 18 tikkonċerna l-oġġetti 1, 2 jew 3 (jekk jogħġbok speċifika meta jkun xieraq) deskritti f'kaxxi 14 sa 16 li jipprečeduha. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed spazju f'kaxxa 18, jekk jogħġbok kompli fuq folja vojta mehmuża, u niżżel in-numru tal-awtorizzazzjoni. Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi f'kaxxa 20.
Kaxxa 20	*Numru ta' annessi*	Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi, jekk ikun hemm (ara l-ispjegazzjonijiet għal kaxxi 13 u 18).

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23).

(***) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7).

(****) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1754 tas-6 ta' Ottubru 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 285, 30.10.2015, p. 1).”

▼B

ANNESS IV

“ANNESS VII

FORMOLA TA' AWTORIZZAZZJONI GĦALL-PROVVISTA TA' ASSISTENZA TEKNIKA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9(1)

Speċifikazzjoni teknika:

Il-formola li ġejja għandu jkollha daqs ta' 210 × 297 mm b'tolleranza massima ta' 5 mm inqas u 8 mm aktar. Il-kaxxi huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment u wieħed minn sitta ta' pulzier vertikalment. Is-suddiviżjonijiet huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment.

▼C2

UNJONI EWROPEA

Awtorizzazzjoni ta' Assistenza Teknika (Regolament 1236/2005)

1

1 Fornitur ta' assistenza teknika rikjedenti (isem sħiħ u indirizz)
☐

AWTORIZZAZZJONI GĦALL-PROVVISTA TA' ASSISTENZA TEKNIKA RELATATA MA' OĠĠETTI LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦAT-TORTURA JEW GĦALL-PIENA KAPITALI (REGOLAMENT (KE) NRU 1236/2005)

2 Persuna fiżika jew persuna ġuridika, entità jew korp li l-assistenza teknika se tiġi pprovduta lilhom (isem sħiħ u indirizz)

3 Nru tal-Awtorizzazzjoni

Abbażi tal-Artikolu ☐ 3 ☐ 4 ☐ 7a ☐ 7e

4 Data ta' skadenza

5 Il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-kaxxa 2 huma
- ☐ Mużew
- ☐ Aġenzija tal-infurzar tal-liġi
- ☐ Istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni jew taħriġ
- ☐ Fornitur ta' servizzi ta' tiswija, manutenzjoni jew servizzi tekniċi oħra relatati mal-oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom
- ☐ Manifattur tal-oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom
- ☐ Ebda minn dawn t'hawn fuq. Jekk jogħġbok speċifika l-attività tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp fil-kaxxa 2

6 Pajjiż terz jew Stat Membru li l-assistenza teknika se tiġi pprovduta lilu (isem u kodiċi)

7 Din l-awtorizzazzjoni tapplika għal
- ☐ Provvista unika ta' assistenza teknika
- ☐ Assistenza teknika pprovduta tul perijodu ta' żmien. Jekk jogħġbok speċifika l-perijodu kkonċernat:

8 Stat Membru li fih il-fornitur ta' assistenza teknika huwa residenti jew stabbilit

Jekk m'hemm ebda Stat Membru, l-Istat Membru li tiegħu l-fornitur ta' assistenza teknika huwa persuna ġuridika, entità jew korp nazzjonali jew inkorporat

1

9 Deskrizzjoni tat-tip ta' oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom

Awtorità emittenti

10 Deskrizzjoni tal-assistenza teknika li hija awtorizzata

11 Jekk il-persuna, l-entità jew il-korp imsemmija fil-kaxxa 2 ikunu persuna, entità jew korp f'pajjiż terz, l-assistenza teknika se tiġi pprovduta
☐ mill-UE lil dak il-pajjiż terz ☐ mill-persunal f'dak il-pajjiż terz ☐ minn pajjiż terz ieħor (jekk jogħġbok speċifika)

12 Deskrizzjoni ta' kwalunkwe taħriġ dwar l-użu tal-oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom li se jiġi pprovdut lill-persuna fiżika jew ġuridika, lill-entità jew lill-korp imsemmi fil-kaxxa 2

13 It-taħriġ dwar l-użu tal-oġġetti msemmija fil-kaxxa 9 se jkun ipprovdut minn:
- ☐ il-fornitur tal-assistenza teknika msemmi fil-kaxxa 1
- ☐ Parti terza li taġixxi f'isem il-forniturtal-assistenza teknika jew flimkien miegħu (isem sħiħ u indirizz)

14 Rekwiżiti u kondizzjonijiet speċifiċi

15 Is-sottofirmat jiċċertifika li, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 u soġġett għar-rekwiżiti, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'din il-formula u l-anness(i) li jirreferi għalihom, l-awtorità kompetenti awtorizzat il-provvista ta' assistenza teknika li tikkonċerna l-oġġetti deskritti fil-kaxxa 9.

16 Numru ta' annessi

Magħmul fi (post, data)

Isem (ittajpjat jew b'ittri kapitali)

Firma: (Timbru tal-awtorità emittenti)

▼B

Noti ta' spjegazzjoni dwar il-formola

‘Awtorizzazzjoni għall-provvista ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti li jistgħu jintużaw għat-tortura jew għall-piena kapitali (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 (*))’

Din il-formola ta' awtorizzazzjoni għandha tintuża biex tawtorizza provvista ta' assistenza teknika skont ir-Regolament (KE) Nru 1236/2005. Jekk l-assistenza teknika takkumpanja esportazzjoni li tingħata awtorizzazzjoni għaliha bir-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jew skont dan ir-Regolament, din il-formola ma tintużax, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

— l-assistenza teknika tikkonċerna oġġetti elenkati fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 (ara l-Artikolu 3(2)); jew

— l-assistenza teknika relatata ma' oġġetti elenkati fl-Anness III jew fl-Anness IIIa għar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-installazzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-oġġetti esportati (ara l-Artikolu 9(2) u, fir-rigward ta' oġġetti elenkati fl-Anness IIIa, Parti 1 tal-Awtorizzazzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni EU GEA 1236/2005 fl-Anness IIIb għar-Regolament (KE) Nru 1236/2005).

L-awtorità emittenti hija l-awtorità ddefinita fil-punt (h) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005. Hija awtorità li hija inkluża fil-lista ta' awtoritajiet kompetenti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

L-awtorizzazzjonijiet jinħarġu f'din il-formola ta' paġna waħda b'annessi kif meħtieġ.

Kaxxa 1	*Fornitur ta' assistenza teknika rikjedenti*	Jekk jogħġbok indika l-isem u l-indirizz sħiħ tal-applikant. Fornitur ta' assistenza teknika huwa definit fil-punt (m) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005. Jekk l-assistenza teknika takkumpanja esportazzjoni li tkun ingħatat awtorizzazzjoni, jekk jogħġbok indika wkoll in-numru doganali tal-applikant, jekk ikun possibbli, u indika n-numru tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni relatata f'kaxxa 14.
Kaxxa 3	*Nru tal-Awtorizzazzjoni*	Jekk jogħġbok niżżel in-numru u mmarka l-kaxxa adatta li tindika l-Artikolu tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 li l-awtorizzazzjoni hija bbażata fuqu.
Kaxxa 4	*Data ta' skadenza*	Jekk jogħġbok niżżel il-jum (żewġ numri), ix-xahar (żewġ numri) u s-sena (erba' numri). Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni huwa minn tliet xhur sa tnax-il xahar. Meta l-perijodu ta' validità jintemm, tista' tintalab estensjoni jekk tkun meħtieġa.
Kaxxa 5	*L-attività tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-punt 2*	Jekk jogħġbok indika l-attività ewlenija tal-persuna, l-entità jew il-korp li l-assistenza teknika se tiġi pprovduta lilhom. It-terminu awtorità tal-infurzar tal-liġi huwa definit fil-punt (c) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005. Jekk l-attività ewlenija mhijiex fil-lista, immarka ‘Ebda minn dawn’ u ddeskrivi l-attività ewlenija bl-użu ta' kliem ġeneriku (eż. bejjiegħ bl-ingrossa, bejjiegħ bl-imnut, sptar).

▼B

Kaxxa 6	*Il-pajjiż terz jew l-Istat Membru li l-assistenza teknika se tiġi pprovduta lilu.*	Jekk jogħġbok niżżel kemm l-isem tal-pajjiż ikkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**). Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 (***). Innota li f'kaxxa 6 Stat Membru jitniżżel biss jekk l-awtorizzazzjoni tkun ibbażata fuq l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005.
Kaxxa 7	*Tip ta' awtorizzazzjoni*	Jekk jogħġbok indika jekk il-provvista ta' assistenza teknika tingħatax matul perijodu partikolari u, jekk iva, iddikjara l-perijodu f'jiem, ġimgħat jew xhur li matulu l-fornitur ta' assistenza teknika jrid iwieġeb għal talbiet għal pariri, appoġġ jew taħriġ. Provvista unika ta' assistenza teknika tikkonċerna talba speċifika waħda għal pariri jew appoġġ jew taħriġ speċifiku (anke jekk jikkonċerna kors li jingħata tul diversi ġranet).
Kaxxa 8	*Stat Membru emittenti*	Jekk jogħġbok niżżel fil-linja xierqa kemm l-isem tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 471/2009. Ara r-Regolament (UE) Nru 1106/2012.
Kaxxa 9	*Deskrizzjoni tat-tip ta' oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom.*	Jekk jogħġbok iddeskrivi t-tip ta' oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom. Id-deskrizzjoni tinkludi referenza għal oġġett speċifiku fl-Anness II, III jew IIIa tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005.
Kaxxa 10	*Deskrizzjoni tal-assistenza teknika li hija awtorizzata*	Jekk jogħġbok iddeskrivi l-assistenza teknika b'mod ċar u preċiż. Daħħal referenza għad-data u n-numru ta' ftehim konklużż mill-fornitur tal-assistenza teknika jew ehmeż tali ftehim, meta jkun xieraq.
Kaxxa 11	*Mod ta' provvista*	Kaxxa 11 ma timteliex jekk l-awtorizzazzjoni tkun ibbażata fuq l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005. Jekk l-assistenza teknika tkun ipprovduta minn pajjiż terz għajr il-pajjiż terz fejn ir-riċevitur ikun residenti jew stabbilit, jekk jogħġbok niżżel kemm l-isem tal-pajjiż ikkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 471/2009. Ara r-Regolament (UE) Nru 1106/2012.

▼B

Kaxxa 12	*Deskrizzjoni tat-taħriġ dwar l-użu ta' oġġetti li l-assistenza teknika hija ddestinata għalihom*	Jekk jogħġbok indika jekk l-appoġġ tekniku jew is-servizz tekniku kopert bid-definizzjoni ta' assistenza teknika fil-punt (f) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jinkludix taħriġ għall-utenti tal-oġġetti rilevanti. Jekk jogħġbok iddikjara x'tip ta' utenti se jirċievu tali taħriġ u speċifika l-objettivi u l-kontenuti tal-programm ta' taħriġ.
Kaxxa 14	*Rekwiżiti u kundizzjonijiet speċifiċi*	Jekk ma jkunx hemm biżżejjed spazju f'kaxxa 14, jekk jogħġbok kompli fuq folja vojta mehmuża, u niżżel in-numru tal-awtorizzazzjoni. Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi f'kaxxa 16.
Kaxxa 16	*Numru ta' annessi*	Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi, jekk ikun hemm (ara l-ispjegazzjonijiet għal kaxxi 10 u 14)

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23).

(***) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7).”